MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 154/2003/1

**JOSEPH U PAULINE konjugi BUHAGIAR**

**Vs**

**S.M.W. CORTIS LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-27 ta’ Settembru 2011, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz prezentat minn Joseph u Pauline konjugi Buhagiar, fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-11 ta’ Marzu, 2003 fejn talbu li din il-Qorti prevja dikjarazzjoni illi l-istruttura tal-injam ossija ‘conservatory’ manifatturata u supplita lilhom mis-socjeta’ konvenuta, w stallata mill-*

*istess socjeta' konvenuta fil-fond residenzjali taghhom, cioe' 170, Triq it-Torri, Mosta, ma nhadmitx skond is-sengha w l-arti, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondihom is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) imhallsa minnhom lill-istess socjeta' konvenuta versu l-prezz ta' l-appalt 'de quo agitur', bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tac-cedola ta' depositu illi qed tigi prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tal-imsemmija somma ta' elfejn Lira Maltija (Lm2000) sad-data tar-rifuzjoni tas-somma intiera ghas-saldu kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta S.M.W. Cortis Limited prezentata fit-28 t'April, 2003 fejn eccepiet is-segwenti:*

*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi x-xoghol u stallar tal-'conservatory' gie ezegwit skond l-ordnijiet tal-atturi u skond is-sengha w l-arti.*

*Illi ghalhekk it-talba ghar-rifuzjoni tas-somma mhallsa akkont ghandha tigi michuda, waqt li l-eccipjenti qed jipprezentaw kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-'conservatory' dovut mill-atturi.*

*Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni taghmel kontro-talba u ghalhekk:*

*Fuq talba tas-socjeta' konvenuta intom atturi Joseph u Pauline, konjugi Buhagiar, ghandhom tghidu ghaliex m'ghandkomx tkunu kkundannati minn din il-Qorti*

*Sabiex thallsu lis-socjeta' konvenuta S.M.W. Cortis Limited, is-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira (Lm3,600) bilanc tal-prezz ta' 'conservatory' ordnat u debitament stallat u konsenjat lilkom.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Marzu, 2003, kontra taghkom atturi, ingunti wkoll ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din il-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv.*

*Rat illi waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2003, din il-Qorti diversament presjeduta kienet innominat lil AIC Paul Camilleri bhala perit tekniku f'din il-kawza.*

*Rat illi fil-5 ta' Lulju, 2005 gie pprezentat l-affidavit tal-attrici* ***Pauline Buhagiar*** *permezz ta' nota (a fol. 21 et seq.) fejn iddikjarat li hi u zewgha jirrisjedu fil-fond 170, Triq it-Torri, Mosta w li kienu ddecidew li jaghmlu 'conservatory' fl-outside area kbira li kellhom. Sostniet li s-socjeta' konvenuta kienet tirriklama li taghmel dawn il-'conservatories' u allura hi marret ghandhom fejn inghatat appuntament meta haddiema tas-socjeta' konvenuta kellhom imorru jiehdu l-qisien u jtuhom stima w sussegwentement fid-data miftehma mar ghandhom Tony Cortis li wara li ra l-post fejn huma xtaqu jaghmlu dan ix-xoghol, ha xi kejl, qalilhom ma kellux ikun hemm problemi w baqghu li kellu jibaghtilhom stima. Fil-fatt din waslitilhom ftit jiem wara w kienet tammonta ghal Lm2,750. Ftakret li binha kien ghadda lil Tony Cortis ta' stampa ta' 'conservatory' biex juruh kif xtaquh u hu kien qalilhom li kellu jahdmilhom wiehed bhalu.*

*Ilmentat li pero' meta fil-fatt il-'conservatory' kien lest, ma kienx fih xi forma ta' 'gutter' ta' l-ilma w li meta gibdu l-attenzjoni dwar dan lil Tony Cortis dan wegibhom li fl-istampa li kienu tawh ma kienx hemm 'gutter' u huma rrispondew li dik tawhielu biex jiehu idea minn fuqha w inoltre l-istampa kienet turi biss il-faccata tal-'conservatory'. Allura Cortis kien qalilhom li kien se jaghmel nofs katusa tad-drains tal-plastik mill-grizi u jwahhalha mad-dawra, pero' huma oggezzjonaw ghaliex din kienet se tkerrah hafna. B'hekk la saret din il-katusa w lanqas l-ebda forma ohra ta' 'gutter'.*

*Kompliet li malli kienu rcevew l-istima, hi kienet marret u hallaset Lm200 akkont tal-prezz pero' s-segretarja kienet qaltilha li d-depozitu kellu jkun ta' Lm1000 u allura ftit wara marret thallas id-differenza. Sussegwentement, tghid, li kienu hallsu wkoll zewg pagamenti ohra ta' Lm500 'il wiehed, biex b'hekk kollox kienu hallsu depositu ta' Lm2000.*

*Tghid li Tony Cortis kien mar ikejjel darb'ohra peress li kienu tellghu zewg filati gebel u kabbru d-daqs tal-conservatory li riedu w ziedu t-twieqi. Inghatatilhom stima ohra fejn il-prezz globali issa tela' ghal Lm5100.*

*L-attrici tispjega li huma mhux qed jikkontestaw il-prezz mitlub minnhom, imma x-xoghol hazin li sar, pero' tispjega li s-somma ta' Lm500 li Cortis talabhom biex jirranga x-xoghol hazin li sar minnu stess huma ma kinux qed jaccettaw li jhallsuha. Tghid li wara li Tony Cortis kien rega' ha l-qies biz-zewg filati gebel mibnijin, beda x-xoghol fil-fabbrika f'H'Attard u huma kien marru jaraw ix-xoghol, pero' raw biss il-qafas u kienu jcemplu ta' spiss biex isegwu l-andament tax-xoghol, peress li z-zmien kien ghaddej gmielu. Sussegwentement Tony Cortis flimkien ma' ibnu w zewg lavranti tieghu bdew jarmaw ix-xoghol fil-post.*

*Tkompli li mill-ewwel bdew jidhru xi difetti bhal per ezempju fil-hgieg li ma kienx skond is-sengha. Issemmi wkoll li meta l-qafas tpogga fuq il-gebel, il-kantunieri tieghu ma qablux mal-kantunieri tal-gebel. Tilmenta wkoll li meta tpogga s-saqaf, dan ukoll ma qabilx mal-qafas u allura kellu jinqala'. Tghid li s-saqaf inqala' bicca bicca w il-haddiema ta' Cortis, fosthom ibnu stess, hallewhom barra, mbaghad ghamlet ix-xita u l-injam imbaram u zzaqqaq. Barra minn hekk, l-imsiemer li thallew fih saddu l-madum. Tghid li meta rega' twahhal is-saqaf, dan xorta kien ghadu bl-istess difett.*

*Issemmi difetti ohra bhal per ezempju li ta' Cortis naqsu li jaghmlu l-qatran bejn il-gebel u l-injam u mbaghad ippruvaw jirrangaw wara, izda x-xoghol ma giex sew, u inoltre s-saqaf kien jiskula l-ilma ghalkemm saritlu l-membrane. A fol. 25 tal-process issemmi numru ta' difetti ohra fosthom fit-twieqi w li ta' Cortis bdew jaqalghuom u johduhom ghall-alterazzjonijiet, izda kien kollu ghalxejn. Meta raw li x-xoghol xorta ma kienx qed isir sew, huma qalu lil Tony Cortis biex jaqla' kollox, pero' huwa rrifjuta ghaliex skond hu x-xoghol kien sar sew. Allura huma avzawh li ma kienux se jaghmlu pagamenti ohra w li kienu se jmexxu permezz tal-avukat. Fil-fatt tghid li huma kienu hallsu biss elfejn lira (Lm2000) qabel ma beda x-xoghol.*

*In kontro ezami nhar it-8 ta' Frar 2007 l-attrici tikkonferma li hija qatt ma ilmentat fuq il-prezz jew li s-shape ma kienx tajjeb izda uq li x-xoghol ma kienx sodisfacenti – li ma kienx skond is-sengha. Tghid li fil-fatt meta kieent rat il-qafas waqt li kien fil-fabbrika dan kien bla tweqi u sa dak il-mument ma kellheix ilmenti dwar l-istruttura kien biss meta kienet qed tintrama li bidet tinduna bid-difetti. Mistoqsija jekk kienx minnu li hija bidelt xi parti ta l-istrutura meta kienet gja imwahla tghid li ma tafx pero l-konvent Cortis qatt ma qalilha li dak li xtaqet ma setghax isir. Taf pro li it-twieqi ghall-ewwel ma kienux jinfethu izda wara xtaqithom hekk u l-konvenut kien propens li ighamel dan it-tibdil li wara irrizulta li kien disastruz.*

*Mistoqsija in kontro ezami nhar il-25 ta' Ottubru 2007 x'sar minn din il-conservatory hija wiegbet li ghada fil-gnien imwahlu u gili tghamillha xi manutensjoni*

***Joseph Buhagiar** l-attur ikkonferma l-affidavit u x-xhieda li tat martu Pauline u ma zied xejn maghha salv li esebixxa CD bir-ritratti relattivi ghal hsarat li kienu qed jilmetnaw minnhom liema document gie markat dok JBCD1.*

*Anthony Cortis xehed permezz tal-affidavit u kkonerm ali l-ordni originali dwar il-conservatory saret mill-attrici Pauline Buhagiar . Jispjega u ighid li kienet ghogbitha il-quotation li hareg fuq l-ordni taghha u minnufih kienet halest deposit akkont . Jghid li xi hmistax wara kient cemplitlu u qaltlu li xtaqet tghaeml xi tibdil fid-disinn u kienet kabret il-qies u ghalhekk kellu johrog stima ohra. Dwar din it-tieni stima ukoll ma kienx hemm problemi u fil-fatt ziedet l-ammont ta' deposit. Qal li in segwitu hadmu l-istruttura u marru u wahluha ghandu. Jghid li l-attur ma kienx kutnent u ghal darb ohra ghamel xi tibdil fosthom fit-twieqi li ma kienxu jinfethu u riedhom jinfethu. Dwar an ghalkemm il-konvenut Cortis ma kienx kuntent il-partijeit waslu ghall-arrangament fis-sens li isisr it-tibdil versu kambjament fil-prezz Qal li x-xoghol ghamlu skond is-engha u sahansitra ganke sealer ighid li ghamel beix ma jkunx hemm perkolazjoni ta' l-ilma. Ikonferma li minkejja li ghamel il-mebrane fuq is-saqaf ta'; l-istruttura xorta kien hemm problemi ghaleix dahal l-ilma gewwa. Jghid li l-atturi talbuh jghamel ukoll xi trunking li ma kienx fl-istima originali u dak li kien ghamel ma ghogbux u qallu li kien sr jimxi bil-Qorti .*

*L-konvenut Cortis fl-afidavit tieghu jittenta jghati spejgazzjoni ghan-nuqqasijiet li irriskontra il-perit tekniku u dawn jinsabu ben deskritti fl-istess affidavit u in kontro esami pero l-ispejgazzjonijiet moghtija minnu ma gewx milqugha mill-perit tekniku fil-gudizzju tieghu.*

***Joseph Cortis** permezz ta affidavit tieghu ipprezenta numru ta dokumenti fosthom fotokpji tac-cekkijiet meta sar id-eposit relattiv, l-istima li harget is-socjeta konvenuta u x korrispondenza li ghaddiet bejn il-kotnendenti.*

*Rat illi fit-28 t'April, 2006 (fol. 34) il-Perit Tekniku precedentement nominat gie sostitwit bil-Perit Alan Saliba bl-istess inkarigu fejn skond id-digriet tas-16 ta' Marzu 2007 huwa ghandu jesamina l-istruttura tal-injam (conservatory) u jaghti dettalji dwar difetti o meno ta' l-istess struttura (fol. 42).*

*Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010 il-Perit Alan Saliba pprezenta w halef ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. AS.*

*Rat il-konkluzjonijiet ragguni mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu ( a fol. 17 tar-relazzjoni) fejn jghid is-segwenti:*

*"Dwar it-talba tal-atturi jirrizulta illi l-conservatory manifatturata u supplita lill-atturi mis-socjeta' konvenuta u stallata mill-istess socjeta' konvenuta fil-fond numru 170, Triq it-Torri, Mosta, ma nhadmitx skond l-arti u s-sengha.*

*Dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta jirrizulta illi fadal bilanc favur is-socjeta' konvenuta ta' tmint elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u erbgha u sebghin centezmi (€8,385.74 = Lm3600) salv il-mertu legali jekk l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69 = Lm500) minn dan l-ammont hux dovut stante illi s-socjeta' konventua kienet irtirat it-talba ghal dan l-ammont. Dan il-bilanc ghandu jkun dovut wara li dawn in-nuqqasijiet imsemmija jigu rimedjati mis-socjeta' konvenuta."*

*Rat li fl-14 ta' Dicembru, 2010 l-atturi pprezentaw nota ( a fol. 77) li permezz taghha rrizervaw id-dritt li jeskutu lill-Perit Tekniku Alan Saliba.*

*Rat ukoll li fl-istess jum l-atturi pprezentaw nota (a fol. 78) li permezz taghha talbu n-nomina ta' periti addizzjonali ai termini tal-Artikolu 677 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Rat pero' li fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2011 l-avukat difensur tal-atturi nfurmat lil din il-Qorti li xtaqet tipprezenta domandi bil-miktub lil Perit*

*Tekniku Alan Saliba w li f'dak l-istadju kienet qeghda tirrizerva d-dritt taghha li tkompli bit-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri f'kaz li ma tkunx sodisfatta bit-twegibiet tal-Perit Tekniku.*

*Rat li d-domandi in eskussjoni lill-Perit Tekniku tressqu permezz ta' nota pprezentata mill-atturi fis-26 ta' April, 2011 (a fol. 86 et seq.)*

*Rat li waqt is-seduta tat-28 t'April, 2011, l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta pprezenta nota b'diversi dokumenti biex ikunu jistghu jigu a konjizzjoni tal-Perit Tekniku (a fol. 89 et seq.)*

*Rat li l-Perit Tekniku Alan Saliba wiegeb id-domandi li sarulu in eskussjoni mill-atturi, permezz ta' nota li huwa pprezenta fit-18 ta' Mejju, 2011, liema risposti gew mahlufa minnu waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2011.*

*Rat ukoll in-nota pprezentata minnu dakinhar stess ( a fol. 109) fejn b'referenza ghad-dokumenti pprezentati mis-socjeta' konvenuta jghid hekk:*

*"Dawn id-dokumenti ma jbiddlu xejn mir-relazzjoni billi dawn jitrattaw primarjament hlasijiet u kontijiet dwar il-conservatory in kwistjoni".*

*Rat illi nhar it-22 ta' Gunju, 2011 din il-Qorti kienet halliet il-kawza ghat-13 ta' Lulju, 2011 ghall-eghluq tal-provi u trattazzjoni, bl-intendiment li wara dakinhar il-kawza tithalla ghas-sentenza.*

*Rat li dakinhar tat-13 ta' Lulju, 2011 ma deher hadd. Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-verbal taghha tat-22 ta' Gunju, 2011, iddiferiet il-kawza ghas-sentenza in difett d'ostakolo.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi m'hemmx dubbju li f'din il-kawza l-atturi kienu nkarigaw lis-socjeta' konvenuta sabiex tahdem, tissuplixxi w tinstalla 'conservatory' fil-gnien tal-fond numru 170, Triq it-Torri, Mosta, w dan skond ritratt li kien gie moghti lilha mill-attrici Pauline Buhagiar. Dan il-'conservatory' jikkonsisti fi struttura tal-injam bil-hgieg u msaqqfa wkoll bl-injam, installata fuq cint baxx tal-gebel u tmiss mal-bini tal-atturi w mal-hajt divizorju ma' terzi (kif muri fir-ritratt Dok AS1).*

*M'hemmx kontestazzjoni lanqas dwar il-fatt li l-atturi ordnaw din l-istruttura a bazi ta' stima (affidavit ta' l-attrici) mahruga mis-socjeta' konvenuta stess fl-ammont ta' LM2,750. Ghalkemm huwa minnu wkoll li din l-istima zdiedet ghal LM5,100 billi in segwitu' l-atturi biddlu l-istil u d-daqs tal-conservatory u ziedu aktar twieqi (kontro-ezami ta' l-attrici). Jirrizulta wkoll li l-atturi kienu gja hallsu s-somma ta' Lm2,000 bhala depozitu, liema ammont huwa dak mitlub mill-atturi bhala rifuzjoni.*

*L-atturi jilmentaw li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, w fl-ebda hin ma jilmentaw dwar il-prezz li kellhom ihallsu. Min-naha l-ohra, s-socjeta' konveuta tghid li x-xoghol sar tajjeb, skond is-sengha w l-arti, w anzi ghamlet kontro- talba sabiex tithallas il-bilanc dovut lilha, w cioe' s-somma ta' LM3,600. (Ghalkemm fl-affidavit ta' Joseph Cortis fol. 8 jirrizulta li huwa kien jirtira t-talba tieghu ghal LM500 li kien qed jippretendi ulterjorment u ghalhekk it-talba llum hi dik ta' LM 3,100).*

*Mill-access mizmum mill-Perit nominat, jirrizulta li hemm is-segwenti difetti fil-conservatory, u cioe:-*

*a. Hxuna differenti fil-frames tal-injam.*
*b. Bsaten mal-hgieg uhud flush mal-frame u ohrajn le.*
*c. Injam imgannat fit-tilari tat-twieqi.*
*d. Ftuh bejn l-injam.*
*e. Qatran bejn l-injam u l-gebel mhux imdahhal f'postu.*
*f. Seratizzi mimduda tas-saqaf fuq gewwa mhux indaqs.*
*g. Sieq ta' seratizzi mhux invelli u mhux indaqs.*
*h. Ftuh bejn l-injam u l-hajt.*
*i. Ftuh bejn it-traversi tas-saqaf minn barra.*
*j. Plywood tas-saqaf imgannat.*
*k. Vernic imqaxxar minn barra.*
*l. Serratura tal-hadid u b'hekk facilment tissadad f'ambjenti suggetti ghal umdita'/condensation bhal fil-conservatory.*
*m. Twieqi ma jinghalqux sewwa.*
*n. Hgieg mhux inglett.*
*o. Shape tal-qafas ma jaqbilx mac-cint.*
*p. Makkjar, marki w qsim fl-injam.*
*q. Perkolazzjoi ta' l-ilma.*
*r. Il-gutter tal-ilma ma kienx iddisinjat fis-saqaf izda gie mizjud bhala after thought u ghalhekk mhux skond is-sengha w l-arti.*

*Il-Perit jikkonkludi billi jghid li hafna mid-difetti riskontrati, partikolarment dawk li jirrigwardaw id-daqs tal-frames / traverse / bsaten uzati, l-gonot u kif ukoll il-ftuh eccessiv bejn l-injam huma difetti fit-tfassil tal-'conservatory' w ma jistghux jigu attriwbiti ghal xi nuqqas min-naha tal-atturi.*

*Dwar x'inhi r-responsabilita' w id-dover tal-appaltatur, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet* ***Stivala Operations Limited Vs Fithome Interiors Limited*** *Citazzjoni Numru. 503/2007 fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Proinvest Limited vs Giljan Agius*** *(Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:*

*"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur*

*li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti w ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."*

*Jinghad ukoll kif mistqarr mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza* ***Muscat vs Cuschieri*** *deciza fis-26 ta' Mejju 2006 li:*

*"min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni, nkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie meqjus fis-sentenza li nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza nhar id-9 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet* ***Raphael Micallef Vs Anthony Agius*** *fejn gie enfasizzat is-segwenti:-*

*I. skond il-principji generali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li l-quddiem juri difetti. B' obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha" (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Dan fis-sens li "l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);*

*II. Dan stabbilit, "jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita' minhabba li hu jkun qaghad ghal dak*

*li ried il-kommittent" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinkombi fuqu b' dover "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte" (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**).*

*Gie deciz ukoll illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol;*

*Dan jikkombacja mal-hsieb professat illi "l'impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l' appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);*

*Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti w is-sengha, jekk jinstabu vizzji w difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom. Dan indipendentement minn sorveljar inadegwat jew approvazzjoni tax-xoghlijiet da parte ta' persuna kwalifikata. Anke allura f' dan il-kaz, konsiderati l-aspetti kollha rilevanti w relattivi, lanqas din id-difiza ma tista' tiggjova lill-konvenut li jibqa' allura responsabbli ghar-rizarciment tad-danni.*

*Ghaldaqstant ma hemmx dubbju li s-socjeta' konvenuta ghandha twiegeb ghal dan in-nuqqas u cioe' ghax-xoghol hazin li hija ghamlet. L-atturi agixxew skond l-Artikolu **1125 tal-Kapitolu 16**, li hu generali w komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni."*

*Hu proprju tali rimedju ezercitat mill-atturi fl-odjerna kawza. Mhux dak ta' l-ezekuzzjoni in forma specifika tax-xoghlijiet rimedjali izda tar-rizarciment tad-danni, kif hekk koncess lilu mil-ligi. (Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 62**). Dan anke ghaliex, kif rizultanti mill-provi, nonostante is-sejha li*

*saret lis-socjeta' konvenuta biex jirrimedja (Ara ittra datata 11 ta' Marzu 2003), il-konvenut fejn wiegeb li hu ma kienx responsabbli u allura dan baqa' inadempjenti u ma ezegwiex ix-xoghlijiet rimedjali mitluba.*

*Il-Peri tekniku kkonkluda li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti. Huwa minnu illi skond l-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - **Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine**, Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - **Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine**, Appell, 9 ta' Frar 2001.*

*Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:*

*"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu igawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji w tajbin bizzejjed li juruhom*

*bhala fehmiet inattendibbli w li ma jitwemmnux" App Civ 9/2/2001 – **Camilleri vs Debattista**. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 **Bugeja vs Muscat et]**."*

*Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim'Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18 ta' Frar 2004, fejn intqal b'referenza ghall-kawza in kwistjoni li:*

*"Issa huwa pacifiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. (Ara **Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**, Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967).*

*Illi m'hemm l-ebda raguni l-ghala din il-Qorti ghandha tmur kontra dak li kkonkluda l-perit tekniku fir-rigward tax-xoghlijiet li saru w li effettivament dawk ma kinux skond is-sengha w l-arti. L-partijiet ma gabu l-ebda prova kuntrarja ghal dak li kkonkluda l-perit tekniku w ghaldaqstant din il-Qorti sejra taghmel il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku taghha.*

*Konsegwentement din il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tal-atturi w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma t'elfejn Lira Maltin (LM2,000) gja mhallsa minnhom akkont tal-prezz, liema somma hija ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija w tmienja w hamsin Ewro w erbgha w sebghin centezmu (€4658.74) w tichad l-eccezzjonijiet taghha. Tichad ukoll il-kontro talba ta' l-istess socjeta' konvenuta.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta. Bl-imghax fuq is-somma ta' elfejn Lira Maltin (LM2,000) ekwivalenti ghal ghal erbat elef sitt mija w tmienja w hamsin Ewro w erbgha w sebghin centezmu (€4658.74) mis-26 ta' Marzu 2003 u cioe' mid-data meta s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-avviz odjern."*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront tas-sentenza appellata is-socjeta appellanti qieghda tressaq, issa fi stadju ta'l-appell, l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku fl-atturi appellati fit-talba guridika minnhom intavolata. Dan ghaliex is-socjeta appellanti tishaq illi wara li inqatghet is-sentenza mill-Ewwel Qorti gie a konjizzjoni taghha l-fatt illi b'kuntratt ta' kompro-vendita tas-26 ta' Frar 2009 (u ghalhekk fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti), l-atturi appellati bieghu id-dar proprejta taghhom fejn kienet installata il-*conservatory* mertu tal-kaz lil terzi u dan minghajr ma infurmaw lill-Ewwel Qorti b'dan il-fatt. Gjaldarba ghalhekk fl-eventwalita illi is-socjeta appellanti tkun obbligata tirrifondi id-depozitu imhallas lilha mill-appellati ghax-xoghol fuq din il-*conservatory*, l-oggett tal-bejgh, ghalkemm kien gie formalment iddepozitat il-Qorti ma ikunx jista' jintradd lura lilha billi issa jinsab f'idejn terzi. Dan iwassal ghat-tieni aggravvju minnhom imressaq fejn jilmentaw illi gjaldarba l-appellati waqqfu l-appalt unilateralment, kwindi it-talba li kellha titressaq kienet dik ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta'l-appalt b'dan illi il-*conservatory* tigi ritornata lill-appaltatur. L-appellati izda ghazlu triq ohra fejn ressqu talba ghar-rifuzjoni tad-depozitu minnhom imressaq in linea ta' danni sofferti minhabba li x-xoghol ma giex esegwiet skont is-sengha u l-arti, u l-Ewwel Qorti ghaddiet biex laqghet dik it-talba minghajr ma ordnat illi l-oggett ta'l-appalt jigi irritornat. Finalment jilmenta illi l-ammont tad-danni reklamati u likwidati ma jista' qatt jeccedi l-valur tat-telf attwali imgarrab mill-kommittent. Illi fl-istitut ta'l-appalt imbaghad hemm riaffermat illi meta il-kuntratt ta'l-appalt jinhall il-kommittent xortwahda irid ihallas lill-appaltatur l-ispejjez

inkorsi minnu u l-valur tal-materjal u dana wara li jitqies il-valur tax-xoghol utli li jkun ghamel. Allura kwalunkwe depozitu imhallas ghandu jitqies akkont tal-hlasijiet hekk dovuti. Dan allura ifisser illi l-Ewwel Qorti malament illikwidat id-danni dovuti fis-somma tad-depozitu gja imhallas u dana minghajr edba motivazzjoni dwar kif wasslet ghal tali ammont. Fil-fatt l-Ewwel Qorti naqqset milli tattribwixxi valur lill-materjal uzat biex inhadmet il-*conservatory* u lanqas ikkunsidrat l-utilita ta' din il-*conservatory* ghall-atturi. Minn naha taghhom l-atturi appellati naqqsu milli jippruvaw it-telf attwali minnhom soffert, anzi irrizulta illi huma bieghu id-dar taghhom bil-*conservatory* b'kollox favur terzi. Fil-fatt l-appellati stess qatt ma ikkontestaw il-prezz ta'l-istima li kien jinkludi l-valur tal-materjal uzat u tax-xoghol u kwindi anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet fix-xoghol zgur illi huma ibbenefikaw meta zammew il-materjal uzat u li l-Ewwel Qorti naqqset milli tikkunsidra l-valur tieghu, tant ghalhekk illi l-atturi appellati arrikkeww rwiehom indebitament bid-decizjoni impunjata.

Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-mertu ta'l-appell, il-Qorti trid necessarjament tinvesti l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta appellanti fl-att promotur ta' dawn il-proceduri dwar il-karenza ta' interess guridiku tal-atturi appellati. Dan ghaliex minn kuntratt esebiet mis-socjeta appellanti u cioe' dak in atti Nutar Robert Micallef datat 26 ta' Frar 2009, jirrizulta illi l-appellati bieghu ir-residenza taghhom gewwa l-Mosta lil terzi u dan fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti. Dan il-bejgh kien jinkludi ukoll it-trasferiment tal-effetti mobbli kollha li kienu jinstabu fil-fond, inkluzi ghalhekk kwalunkwe mobilja, *fixtures* jew *fittings* ghal prezz ta' €104,821. Illi s-socjeta appellanti allura tishaq illi f'dan it-trasferiment kienet inkluza l-*conservatory* mertu tal-kawza ghalkemm ma issemmietx b'mod specifiku fil-att tal-kompro-vendita. Illi din il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dina l-affermazzjoni. Dan ghaliex mill-atti jirrizulta illi l-oggett mertu ta' dina l-kawza jinsab formalment iddepozitat taht l-Awtorita tal-Qorti u kwindi ma seta' qatt jifforma parti mit-trasferiment

maghmul, u dan ghalkemm illum fizikament dina l-*conservatory* tinsab fil-pussess ta' terzi. Fil-fatt fil-kuntratt tat-trasferiment ma jissemma xejn dwar din il-*conservatory* u lanqas dwar il-proceduri gudizzjarji in konnessjoni ma'l-istess. Lanqas ma tista' taqbel din il-Qorti mat-tezi appellanti illi gjaldarba allura l-oggett mertu tal-vertenza ma ghadux fil-pussess fiziku tal-atturi, huma tilfu l-interess guridku sabiex ikomplu imexxu dina l-istanza 'il quddiem.

Illi l-ammont reklamat f'din il-kawza huwa kjarament wiehed naxxenti minn obbligazzjoni kontrattwali bejn min ikkommissjona x-xoghol u bejn min ezegwih. Obbligazzjoni purament personali li ma setghet bl-ebda mod tigi estiza ghat-terz. Il-kuntratt ta' l-appalt ma jistax jigi relatat mal-proprjeta' tal-fond li fih ix-xogholijiet kellhom jigu, kif fil-fatt gew, esegwiti ghaliex ir-relazzjoni guridika li tinholoq bi ftehim ta' appalt, hija wahda personali u mhux marbuta mal-proprjeta'. Illi l-gurisprudenza iccitata mis-socjeta appellanti tirreferi ghal jeddijiet petitorji u mhux personali bhal dik in dizamina. Dak li ghandha tara l-Qorti sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku, allura, huwa l-utilita finali ghal min jippropronha. Kif akkolt fil-gurisprudenza "biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("**Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello**", Appell Civili, 13 ta' Frar 1953), "b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta ("**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**", Appell Civili, 27 ta' Mejju 1991; "**Albert Calleja –vs- Orazio Micallef**", Appell Civili, 1 ta' April 1992).[1]"

[1] Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi et – deciza PA 28/03/2003

Dan ifisser allura illi l-atturi appellati ghad ghandhom interess fit-talba minnhom intavolata u dana ghaliex il-jedd minnhom reklamat huwa wiehed personali ghalihom u marbut strettament mal-ftehim kontrattwali milhuq bejnhom u bejn is-socjeta appellanti, fejn wiehed mill-kontraenti naqas fl-obbligi kontrattwali minnu assunti u b'konsegwenza ta' dan ikkaguna danni lill-parti l-ohra li hallset parti mill-korrispettiv ghal xoghol li allegatament ma sarx skont is-sengha u l-arti. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi respint.

Jinzel mill-atti probatorji illi is-socjeta appellanti kienet indahlet ghal xoghol ta' kostruzzjoni bl-injam u hgieg fuq bazi tal-gebel ta' hekk imsejjah *conservatory*, li inhadment fil-*workshop* taghha u imbaghad giet installata fuq il-post u cioe' fir-residenza ta'l-atturi. Il-prezz gie miftiehem bejn il-partijiet u anke wara li zdiedu xi xogholijiet ohra mill-atturi appellati ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-korrispettiv. Thallas depozitu akkont tal-prezz ta' Lm2000 mill-atturi, izda meta ix-xoghol tlesta u twahhal fuq il-post mis-socjeta appellanti gew riskontrati diversi difetti fil-"opus" ezegwiet mis-socjeta appellanti. Dawn id-difetti gew ukoll riskontrati mill-espert tekniku il-perit Alan Saliba inkarigat mill-Ewwel Qorti li ikkonkluda li s-socjeta appellanti kien ikollha dritt ghal prezz shih tal-oggett minnha manifatturat biss wara li tirranga id-difetti kollha li kien hemm u dan billi gie konkluz illi x-xoghol ma giex ezegwiet skont is-sengha u l-arti.  Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata wasslet ghal konkluzjoni illi l-azzjoni esperita mill-atturi kienet dik generali ghad-danni a tenur ta'l-artikolu 1125 tal-Kapitolu 16 u kwindi ghaddiet sabiex illikwidat l-ammont ta' Lm2000 *in linea* ta' danni dovuti mis-socjeta appellanti lill-atturi ghax-xoghol difettuz illi sar.

Illi minn qari tat-talba li biha gew inizjati dawn il-proceduri johrog illi r-rapport guridiku bejn s-socjeta appellanti u l-appellati jista' jigi assimilati ghal dak ta' l-appalt. Illi l-principji legali li isawwru l-istitut ta'l-appellat gew superjorment elenkati minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fis-sentenza Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius deciza fis-06 ta' Ottubru 2004 meta gie mghallem:

**(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).**
**(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).**
**(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).**
**(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);**
**(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).**
**(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).**

**Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-**
**(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti**

**tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (Kollez. Vol XLII pII p699).**
**(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);**
**(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994).**

Issa minn ezami akkurat ta'l-atti u senjatament mir-rapport peritali u b'mod iktar sinifikanti mir-risposti ipprezentati mill-espert in eskussjoni jirrizulta illi id-difetti u il-vizzji riskontrati huma konsiderevoli tant illi jincidu fuq l-utilita siewja ta'l-istruttura innifisha. Ighid hekk l-espert:

"***Naqbel li prattikament din il-conservatory trid issir mill-gdid, aktar u aktar tenut kont illi huwa iktar vijabbli li taghmel gdid milli tirranga billi biex tirranga isir xoghol doppju***.[2]"

Dan ma jistax hlief ifisser allura illi d-difetti huma sostanzjali u mhux kif donnha trid taghti x'tifhem is-socjeta appellanti illi dawn huma semplicement difetti estetici, tant illi jidher illi anke hemm perkolazzjoni ta' ilma ghal go fiha meta taghmel ix-xita. Dan ifisser illi ghalkemm il-perit ma ikkwantifikax id-danni subiti, madanakollu minn dak minnu sottomess jirrizulta illi dawn huma ekwivalenti ghal-valur intier tal-oggett formanti parti il-ftehim ta'l-appalt. Kwindi indubbjament dan wassal ghal konkluzjoni ragjonata li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti illi sabiex l-atturi jergghu jitqieghdu fl-*istatus quo ante* huma ghandhom jigu rifuzi il-flus kollha li hallsu ghal dina l-*conservatory* li prattikament trid terga' issir mill-gdid u l-ebda flus ma huma dovuti lis-socjeta appellanti ghax-xoghol hazin illi ezegwiet.

---

[2] Fol.108 tal-process

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jitbatew mis-socjeta appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------